# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **51** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru 2016 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur John B Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skuzat | Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 50.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 2016.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 50 tat-22 ta' Settembru 2016:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li artiklu nru 2.1.2 ta' paġna 3 jrid jinbidel kif ġej.

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 7 is-sittax il-paragrafu jekk ħadniex azzjoni fuq il-plakka tad-dawl li hemm mikxufa ġol bandli."*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li paġna 3 ir-raba` għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*"Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qalulhom li bħal applikazzjoni ser jkun hemm bżonn biss ta DNO u li l-proġett l-ewwel irid jinkiseb il-permess u mbagħad tinħareġ sejħa għall-offerti biex jibdew ix-xogħolijiet u jittama li sal-bidu tas-Sajf ikunu bdew."*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud Cassar issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 50 tat-22 ta' Settembru 2016:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward paġna 4 artiklu 2.1.6 rigward l-appell fuq it-twaqqiegħ tal-eks Jerma Palace Hotel, fejn staqsa jekk hemmx xi Kunsilliera li kienu ser jkunu preżenti għal dan l-appell.

Is-Sindku wieġbu illi huwa kellu l-ħsieb li jmur. Huwa staqsa jekk wieħed jista jitkellem waqt l-appell.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li sa fejn jaf hu ma tistax titkellem.

Is-Sindku qal illi la darba wieħed ma jistax jgħaddi l-kummenti tiegħu allura jista jkun hemm preżenti biss il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 2 paragrafu nru 2.1.1 fejn staqsa fuq il-proġett propost tat-tisbieħ tal-pjazza ta' quddiem il-Knisja.

Is-Sindku wieġbu illi l-pjanti għadhom ma ġewx preżentati min-naħa tal-Fondazzjoni taż-Żoni Turistiċi u s-Sur Joe Debono ta' din il-Fondazzjoni nfurmah illi dan il-proġett mhux ser jibda din ix-xitwa għaliex għadu fi stadju primarju ħafna u għaldaqstant ma kienetx tagħmel sens li ma nħallux lis-sidien tad-dgħajjes sabiex jerġu jużaw dik l-*area*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ikkonferma dak li qal is-Sindku għaliex waqt il-laqgħa li kellu fi ħdan il-fondazzjoni taż-żoni turistiċi qalu l-istess affarijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li s-sidien tad-dgħajjes għandna ninfurmahom minn sena qabel ma jibda il-proġett.

Is-Sindku qal li kif appenna jkollna l-pjanti f'idejna nwaħluhom fin-*notice board* ħalli jkun jista jara kulħadd.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li mportanti illi jekk isir il-proġett il-*full time fisherman* jibqalhom id-dritt li jħallu l-karru hemm.

Is-Sindku wieġbu li fuq dan diġa kelmuhom u l-*full time fisherman* mhux ser jiġu affetwati.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li fil-laqgħa tal-Fondazzjoni taż-Żoni Turistiċi qalu li hemm problemi ta' fondi rigward dan il-proġett.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 is-6 paragrafu fejn staqsa jekk saretx il-laqgħa tal-Magħluq.

Is-Sindku wieġbu li l-laqgħa għada ma saretx.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li kien rċieva dakinhar stess fejn id-Direttur Ġenerali qal sa Marzu tas-sena d-dieħla ser jkunu jafu jekk hux ser jiġi aċċettat dan il-proġett bil-fondi tal-UE.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 2.1.4 meta ser jinbeda ix-xogħol tal-*culvert* fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kien tkellem mal-kuntrattur u qallu li l-aħjar jiltaqa mal-Perit sabiex jgħidilna kif l-aħjar li naħdmu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din diġa` konna tkellimnija fl-laqgħa preċedenti u kellhu jsir culvert fil-bankina.

Is-Sindku qal li dan ix-xogħol jista jsir min-naħa tal-ħaddid tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex dan ix-xogħol jir min-naħa tal-ħaddied tal-Kunsill.

- *Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6.30pm*

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq punt nru 3.11 ta' paġna 7 fejn qal illi ġibdulu l-attenzjoni ħafna residenti illi qed jkun hemm ħafna ħmieġ fil-Bajja San tumas minħabba il-fishfarms.

Is-Sindku qal illi għad fadal żewġ operaturi biss li għad għandom il-gaġġeġ fl-istess post u dawn ser jneħħuhom ukoll.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irrimarka fuq paġna 8 punt nru 3.17 fejn staqsa jekk infurmajniex lil Wasteserv illi id-dawl tal-Milied għandu jkun aħjar minn tas-sena ta qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li kien ser jikkuntattja lis-Sur Montesin sabiex nitolbuħ jarmaw iktar dawl mis-sena ta' qabel.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 7 paragrafu 3.16 jekk kellniex risposta min-naħa tal-Green Mt rigward il-flus li jingħataw lil għaqdiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li aħna bgħatnilu pero` ma kellniex risposta.

Is-Sindku qal li tkellem mas-Sur Joe Attard tal-Green MT u offra li l-kumpanija Green MT jinstallaw 3 *cameras* u s-Sindku ssuġġerrixxa illi jekk jaqblu l-Kunsilliera jiġu nstallati waħda ħdejn villa Sant'Anna, waħda fi Triq il-Blajjiet u l-oħra fil-Bajja San Tumas ħdejn tal-ġelat.

3.0 ***Komunikazzjoni u korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Petizzjoni sabiex ma issirx pixxina fil-Bajja ta' Marsaskala (35/3703/16/I):**

Is-Sur Paul Brincat li kien preżenti waqt il-laqgħa ngħata permess mingħand is-Sindku sabiex jitkellem fuq il-petizzjoni illi nġabret mir-residenti.

Is-Sindku qal li aħna bħala Kunsill l-uniku nformazzjoni li għandna hija li nfurmawna verbalemt li għalissa qed jsiru biss testijiet.

Is-Sur Paul Gatt qal li meta ċċekjaw mat-TMalta l-ewwel informazzjoni li tawhom kienet li qed jsiru xi xogħolijiet fuq l-għargħar iżda meta urewhom illi dan mhux minnu qalulhom illi kien qed jsiru xi testijiet.

Is-Sur Charlot Cassar qal li t-testijiet qed jsiru għax ser issir pixxina, u din ser issir minħabba l-fatt illi l-pixxina li hemm eżistenti ittieħdet minn Sadeen Group.

Is-Sindku qal li ma għandiex nargumentaw politikament. Huwa qal li ODZ tista tiġi utilizżata jew in konnesjoni ma mediċina jew ma edukazjoni.

Is-Sindku qal lis-Sur Paul Gatt li s'issa aħna nfurmati biss li qed jsiru xi testijiet.

Is-Sur John B. Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu jaraha naqa stramba li aħna ma nkunux nfurmata bix-xogħlijiet li jkunu qed jsiru u tajjeb li nkunu nafu għaliex dawn il-150 firmatarju tal-petizzjoni għaliex qed joġġezjonaw.

Is-Sindku qal li għalkemm 150 firmatarju huma ammont kbir pero` minn dawn il-firmatarja hemm villiġanti, sajjieda u nies oħra filwaqt li r-residenti huma ftit. Huwa kompla jgħid li wieħed xorta jrid jagħti każ it-talba ta' kulħadd avolja ma jkunux residenti.

Is-Sur Paul Gatt qal illi jekk ser issir pixxina quddiem Triq is-Salini ser iġġib ħafna storbju, ser jkun hemm nuqqas ta' parkeġġ u ser issir fl-iktar parti dejqa.

Il-Kunsill qabel li niktbu lil TMalta sabiex jagħtuna iktar informazjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa minn fejn sar jaf is-Sindku li ser issir pixxina.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fuq it-televiżjoni xandru li t-testijiet ser jsiru minħabba l-bini tal-pixxina l-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li important li ma jintmessewx is-*swimming zones*, għaliex parti mill-invtervista li xxandret qalu li s-sidien tad-dgħajjes ser jtuhom post alternattiv iżda mportanti li mhux fejn jgħumu n-nies.

3.2 **Sub post office developments and improvements in letterbox mailing facilities in the locality of Marsaskala (35/3992/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi ser tinfetaħ *sub post office* fil-ħanut *Needs* fi Triq il-Vajrita. It-talba sabiex tiżdied kaxxa postal fi Triq il-Qaliet kif ukoll biex tiċċaqlaq minn Triq is-Silla għal Triq il-Vajrita ġiet aċċettata.

3.3 **Polza tal-assigurazzjoni tal-kunsill li tiswa €997 kull sena. Il-Kunsill jista joħroġ direct order kull sena jekk il-polza ma togħliex:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-polza tal-Kunsill ma taqbiżx il-limtu tad-*direct order* u għaldaqstant dan is-servizz m' għandiex għalfejn nkomplu noħorġu sejħa għal-polza tal-assigurazzjoni. Huwa kompla jispjega illi d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali huwa nfurmat dwar dan u qabel li nibdew noħorġu *direct order* sakemm il-polza ma togħliex. Apparti minn hekk, il-polza ta' assigurazzjoni eżistenti kienet qditna tajjeb fuq klejm li kien sar minħabba aċċident fi Pjazza Mifsud Bonnici

Il-Kunsill qabel li din il-polza tibda titħallas *b'direct order.*

3.4 **Korrispondenza mil-Ministeru tal-edukazzjoni u xogħol li l-kariga ta' President tal-Kunsill skolastiku hija vakanti (35/3948/16/I):**

Is-Segretarju Eżeluttiv informa lil Kunsilliera illi meta l-kariga ta' President tal-Kunsill skolastiku tiġi vakanti, l-Kunsill għandu l-fakulta illi jinnomina persuna għal din il-kariga.

Is-Sindku qal li hu nteressat għal din il-kariga.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li peress li s-Sindku jkun impenjat ħafna u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud huwa penzjonant u kien għalliem, nistgħu ninnominaw lilu.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona lil-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għal din il-kariga ta' President għal Kunsill Skolastu u s-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiġi nominat is-Sur Charlot Mifsud.

3.5 **Korrispondenza mingħand il-Planning Authority rigward bankina fi Triq G Spagnol fejn iridu l-posizzjoni uffiċjali tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma l-Kunsilliera li hemm bankina fi Triq Guzepp Spagnol illi sid ta' garaxx baqa ħiereġ bil-bankina il-barra. Huwa kompla jispjega illi fit-tarf ta' din il-bankina hemm taraġ li jagħti għat triq ta' taħt u l-PA qed jitolbu lilna niddeċiedu jekk hux tajba jew le. Huwa kompla jispjega illi qabel l-ilma tax-xita li kien jinżel minn din it-triq kien jibqa nieżel mit-taraħ li jgħati għat-triq ta' taħt u issa jekk il-*culvert* ma jlaħħaqx l-ilma tax-xita ser jispiċċa kollu faċċata minżabba il-qlib tat-triq, b'konsegwenza li ser jispiċċaw jerqu r-residenti li joqogħdu faċċata.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li huwa tal-opinjoni illi dan ser jiġri żgur u ser jispiċċaw bi problemi kbar ir-residenti li joqgħodu faċċata. Huwa kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu għandu jingħata permess li joħroġ bil-bankina sa fejn huwa permessibli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din id-deċiżjoni għanda tkun tal-PA u mhux tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lil PA u TMalta dwar dan il-każ u għandhom ikunu huma li jerfgħu r-responsabilta` tad-deċiżjoni li ser jieħdu.

3.6 **Kumitat għal persuni b'diżabilita` (35/3857/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nħoloq kumitat ġdid tal-persuni b'diżabilita` u ċ-Chairman tiegħu huwa l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Dan sabiex dan il-kumitat jkun rikonoxxut mil-Kunsill u jkun jista jressaq it-talbiet tiegħu għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

3.7 <u>**Talba għal Assistent Prinċipal fil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala:**</u>

Wara li saret diskusjoni l-Kunsill qabel unanimament sabiex tinħareġ sejħa interna għal-Assistent Prinċipal fil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mill-laqgħa fis-7.10pm***

➢ ***Sospenzjoni tar-regolament sabiex jiġi diskuss ir-rapport tal-Kull Kwart minn Lulju sa Settembru 2016***

5.0 <u>***Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 2016:***</u>

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lil Kunsilliera peress li ser jaraw differenza sostanzjali taħt l-ispejjeż tad-dawl u ilma u dan wara li l-kunsill lokali rċieva kont mil-Enemalta fuq Ġnien Żonqor mis-sena 2000. Huwa kompla jispjega illi tkellem mal-Avukat tal-Kunsill, l-Avukata Veronique Dalli u qaltlu li bħala ammont dovut obligati li jitħalsu l-aħħar ħames snin biss, iżda dan il-kont ser jiġi kkontestat peress li qatt ma rċevejna kont u qatt ma kellna *reading*.

L-Accountant is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat illi rigwar Ġnien Żonqor hija stamt spiża ta' €5000 f'dan ir-rapport ta' kull kwart.

5.2 Is-Sindku qal li din is-sena nerġgħu nagħmlu l-bibita` bħal tas-sena l-oħra mingħajr xorb irqiq.

5.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq is-servizz tal-gwardjani lokali u staqsa jekk aħna ma ndaħlu xejn.

Is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat illi aħna indaħlu *administration charge* għal kull ċitazjoni li titħallas fil-Kunsill, filwaqt li l-Kunsill għadu jirċievi biss flus fuq ċitazzjonijiet li jkunu ngħataw *pre-region*. Fuq dawn hemm *commission* ta' 15% li titnaqqas minnhom mid-Datatrak u dan skond kuntratt.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart bejn Lulju u Setttembru 2016 u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat.***

3.8 <u>**Ilment mingħand is-Sinjura Doreen Grima PA5250/16 (35/3246/16/I):**</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ir-residenta ilmentat minħabba li ser jibnu blokka flats u garrixijiet fi Triq il-Grigal k/m Triq is-Sajjieda.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi ħdejn il-proposta ta' dan l-iżvilippatur diġa kienu tellgħu blokka flats u ma jaħsibx li huwa kompitu tal-Kunsill li jidħol f'sitwazjoni privata.

Il-Kunsill qabel unanimament li mhux kompitu tal-Kunsill li jidħol f'dan il-każ.

3.9 <u>**PC0054/16 talba biex jinbidel l-alignment tal-bini tiegħu u jġibu bħal tal-oħrajn (35/3829/16/I):**</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsilliera illi meta applikazzjoni tkun tibda bil-PC u mhux PA l-Kunsill qed jintalab jgħaddi l-kummenti tiegħu. Huwa kompla jispjega illi dan ir-resident qed jitlob sabiex jbiddel l-*alignment tal-front garden* tiegħu sabiex jiġi daqs tar-residenti tal-istess triq.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li jekk dan ir-resident mhux qed jikser il-*policies* tal-PA allura huwa tal-opinjoni li l-Kunsill ma għandux għalfejn joġġezzjona.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.10 **Korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Mallia rappreżentant tal-Għaqda tan-nar:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li is-Sur Mallia qed jitlob sabiex jsiru 16 il-toqba fi Triq ix-Xatt u ser jiswew €30 għal kull toqba, filwaqt li ser ikun hemm spejjeż ukoll biex jinqata l-paviment u ssir il-bażi tal-konkos.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li t-toqob għal arbli tad-dawl isiru fejn meħtieġ imam s-sena d-dieħla.

3.11 **Stima tar-restawr tad-dgħajsa (35/3761/16/I):**

Is-Sindku qal illi l-istima għar-restawr tad-dgħajsa li kienet ngħatat lill-Kunsill ġiet għolja ħafna u l-istima ser tiġi riveduta u l-ispejjeż ma għandhomx jaqbżu il-€1165. Huwa kompla jispjega illi fil-Ġnien Sant'Anna ser jiġi goff ħafna u huwa tal-opinjoni illi din id-dgħajsa titpoġġa ġod-daħla li hemm fi Triq id-Daħla ta' San Tumas ħdejn l-erbgħa palmiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemmek qed jaħseb li jista jkun hemm abbużi u jekk issir hemm irid jsir *embellishment* taż-żona.

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jmorru fuq il-post sabiex naraw kif jista jsir.

3.12 **Minuti mal-Perit William Lewis li saret il-Ħamis 6 ta' Ottubru 2016:**
**Korrispondenza mingħand is-Sur Scotti dwar il-lease agreement tal-ġnien:**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi l-problema li kellna minħabba l-estenzjoni tal-art ta' Ġnien Sant'Anna ġiet solvuta. Id-dipartiment tal-artijiet ser ġeddulna l-permess għal tlett snin oħra u l-korrispondenza dalwaqt tasal.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-kuntratt ġie iffirmat u d-dipartiment għandu jgħaddilna 75% tal-ewwel €50,000. Huwa nforma lil Kunsilliera illi il-kumplament tal-flus dovuti li ser jinqasmu €50,000 kull sena għas-sentejn li jkun għad fadal. Huwa qal lil Kunsilliera illi d-dipartiment qalulu illi ser jgħamlu li jistgħu sabiex jgħaddulna il-€50,000 kull sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-proċess għal bini tal-Kunsill huwa maħsub li jinqasam fi tlett fażijiet. L-ewwel ser joħroġ *tender* għal *piling*, wara joħroġ it-*tender* għal kostruzzjoni u l-aħħar *tender* jkun għal *finishings*.

3.13 **Dawl fi Triq il-Blajjiet:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-kuntrattur tad-dawl infurmah illi ħarġet sistema taf kif japplikaw għad-dawl fejn il-Perit jrid jgħamel l-applikazzjoni u jindika fejn ser jeħlu l-arbli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-Enemalta kellha tagħmel l-arbli fi Triq il-Blajjiet minn Triq Żonqor sa Triq Għaxqet l-Għajn.

3.14 **Bżonn li tittieħed azzjoni dwar plots privati bi skart normali illegalment:**

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal korrispondenza li kien irċieva miċ-Chairman tal-Planning Authority is-Sur Vincent Cassar fejn semma sabiex jiġu utilizzati l-fondi tal-UIF biex jitnadfu l-plots private. Dan ser jiġi diskuss fil-laqgħat li jmiss bejn l-PA u r-Reġjuni tal-Kunsilli Lokali.

3.15 **<u>Lista ta' Write off mill-fixed assets register:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta' *write offs* mill-*fixed assets* tal-*computer equipment* li m' għadhomx jaħdmu u jridu jintremew.

Kien hemm qbil unanimu li l-lista kollha tiġi written off

3.16 **<u>Stima mil-ELC fejn biex jirrenġaw is-soft area li jinsabu Triq il-blajjiet kantuniera ma Triq San Gwakkin:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima inizjali kienet €1035 eskluż il-vat iżda kienet għolja ħafna u tawna skont u l-istima ġiet €950 eskluż il-vat.

Il-Kunsill qabel unanimanet sabiex jirranġaw iż-żewġ *soft areas.*

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.**

6.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***
Ma kienx hemm l-ebda mozzjoni.

7.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

7.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u ssekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (#138 – 27/9/16)</u>:**

*"Jipproponi sabiex naraw fejn l-aħjar issir zebra crossing fi Triq il-Qaliet bejn Triq il-Kappara u Triq il-Vajrita peres li għandna ic-Civic Centre u ma hemmx min fejn jaqsmu kemm it-tfal li jattendu u anke l-anzjani. Fil-viċin faċċata hemm ukoll bus stop u għalhekk perikoluż meta jiġu biex jaqsmu mit-toroq faċċata."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u ssekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja(# 139 – 14/10/16):</u>**

*"Jipproponi li fi Triq il-Bużbież kemm min ikun ġej min Triq Frans Grech u kif ukoll min-naħa ta' Triq San Ġwakkin ngħamlu tabelli li ma tistax iddur lejn Triq La Sengle l'isfel jew no entry signs fi Triq La Sengle."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

8.0 ***<u>Informazzjoni mill-Kunsilliera:</u>***

8.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lil Kunsilliera illi l-fanali ornamentali li twaħħlu fil-*village core* twaħħlu kollha minbarra tnejn li ser issirilhom applikazzjoni għalijom. Huwa kompla jgħid li issi trid issir plakka. Saret diskusjoni fejn l-aħjar li ssir din il-plakka u fl-aħħar ġie deċiż illi jekk ikun possibli issir fi Triq Sant'Anna ħdejn il-mużew tal-bniet.

8.2 Il-Kunsillier is-sur John B. Camilleri qal li ġab stima ta' fanal ornamentali bi tlett fanali iżda fanal wieħed jiswa €5000. Huwa żied jgħid illi dan jiswa ħafna u talbu sabiex jagħtina kwotazzjoni oħra bl-arblu bla disinn sabiex jiġi irħas.

9.0 **<u>Aġġornament:</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm

**Josef Grech**
Segretarju Ezekuttiv

**Mario Calleja**
Sindku